ĦAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

**Minuti tal-458 laqgħa tal-Kunsill li saret
nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2016**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Agius (Is-Sway), is-Sur Joseph Agius, is-Sur Mark Grech u s-Sur Joseph Bonnici.

Is-Sur Brian Spiteri, is-Sur John J Pace u s-Sur Joseph Vella talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Spiteri, is-Sur Pace u s-Sur Vella jiġu skużati. 5507/16

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrin Busuttil, kienet ukoll preżenti għal-laqgħa.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Is-Sur Joseph Agius talab li ssir korrezzjoni fil-minuti tal-457 laqgħa u ppropona li fid-disa' paragrafu ta' paġna 335 il-kliem "Is-Sur Joseph Vella" jinbidel u jsir "Is-Sur Joseph Agius" u l-kliem "is-Sur Mark Grech" jinbidel u jsir "is-Sur Brian Spiteri". Is-Sur Mark Grech issekonda lis-Sur Agius u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-emenda fil-minuti. 5508/16

Is-Sur Buttigieg ippropona li fl-aħħar paragrafu ta' paġna 341 il-kliem "fil-viċinanzi ta' Triq Felice" jinbidel u jsir "fil-viċinanzi ta' Triq Santa Tereża". Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-korrezzjoni. 5509/16

Is-Sur Buttigieg ippropona li f'paġna 342 fit-tielet paragrafu l-kliem "viċin ir-residenza tal-Kappillan" jinbidel u jsir "ħdejn il-bieb tas-sagristija". Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-korrezzjoni fil-minuti. 5510/16

Is-Sur Buttigieg ippropona li ssir korrezzjoni f'paġna 341 fl-għaxar paragrafu u minflok il-kliem "quddiem ir-residenza numru 123" jitniżżel il-kliem "quddiem ir-residenza numru 116". Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-korrezzjoni fil-minuti. 5511/16

Il-minuti tal-457 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg. 5512/16

Item 3 – Punti li joħorġu mill-minuti

Is-Sur Joseph Buttigieg irrefera għall-ingaġġ ta' skrivan/a (*back-to-back*) u staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ il-lista ta' persuni li jirreġistraw taħt *Part 2*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-lista kienet ntbgħatet u l-applikanti jistgħu jibgħatu l-applikazzjoni tagħhom sal-14 ta' Jannar 2016.

Is-Sur Joseph Bonnici talab formalment lill-Kunsill permezz ta' korrispondenza biex ma jibqax iservi bħala membru fil-Bord tal-Għażla u talab lill-Kunsill sabiex jaħtar membru ieħor minfloku. Is-Sindku qal li hu kien diġa tkellem mas-Sur Joseph Vella u staqsieh jekk kienx interessat li jservi bħala membru minflok is-Sur Bonnici. Is-Sur Vella Bonnici qal li s-Sur Vella aċċetta u għalhekk ippropona li l-Kunsill jaħtar lis-Sur Vella bħala membru fil-Bord tal-Għażla. Is-Sur Joseph Bonnici ssekonda din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament. 5513/16

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-kumpanija LESA sabiex isir iżjed infurzar fi Triq Santa Duminka. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fil-pożittiv u qal li s-sewwieqa jidħru li qed jikkoperaw billi jnaqqsu l-*ispeed* f'din it-triq l-aktar minħabba l-preżenza ta' gwardjan lokali.

Is-Sur Joseph Agius reġa' tkellem dwar il-ħtieġa li jsiru *bollards* f'nofs il-karreġġjata ta' Triq il-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku qal li peress li t-triq hija responsabbiltà ta' Transport Malta, il-Kunsill ma jistax jiddeċiedi hu x'inhu l-aħjar li jsir għalkemm għandha bil-miktub li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jsiru dawn il-*bollards* biex jiġu evitati l-inċidenti li qed isiru. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li f'laqgħa mal-Onorevoli Ministru Joe Mizzi, li hu kien preżenti għaliha, hu ta rendikont tal-inċidenti li qed isiru.

Is-Sur Mark Grech semma l-*bollards* li kienu twaħħlu minn Transport Malta fi Triq Villabate ma' Triq San Ġużepp. Is-Sindku qal li fl-istess laqgħa li saret mal-Onorevoli Ministru Joe Mizzi hu ġie nfurmat li peress li dawn il-*bollards* kull darba li jitwaħħlu qed jinqalgħu kawża tad-diversi inċidenti li qed isiru, Transport Malta ħadet id-deċiżjoni li jiġu nstallati CCTVs fi żmien qasir.

Is-Sur Marc Vella Bonnici qal li fil-*junction* ta' Triq San Ġużepp jissuġġerixxi li tibqa' kif inhi għall-fatt li peress li ser jitwaħħlu l-*cameras* fi Triq Villabate, l-abbuż li qed isir mis-sewwieqa li jidħlu minn dik in-naħa tat-triq ser jonqos.

Is-Sur Joseph Bonnici reġa' semma l-bżonn li jsir *refresh* taż-*zebra crossing* fi Triq l-Għaxra ta' Settembru.

Is-Sur Mark Grech staqsa dwar ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni li mistennija jsiru mad-dwal taż-*zebra crossings*. Is-Sur Grech ippropona li d-dawl maż-*zebra crossing* li hemm fi Triq Wied il-Għajn isir skont il-pjanta approvata peress illi issa m'għadx hemm il-problema tal-għargħar tal-ilma tax-xita.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) semma ż-*zebra crossings* li hemm fil-bidu ta' Triq Hompesch ma' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u l-oħra fit-tarf tal-istess triq ma' Triq il-Kbira u talab li jsir id-dawl meħtieġ. Is-Sur Agius qal li ser jagħmel kuntatt mal-kumpanija Nexos sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk l-artisti li ma ntgħażlux biex jesebixxu x-xogħol tagħhom f'Eschborn, ġewx infurmati bir-riżultat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-applikanti kollha ġew avżati kif ukoll li l-Kunsill irċieva korrispondenza ta' risposta mingħand is-Sinjura Bernice Buhagiar.

Item 4 – Qari tal-minuti tas-Sotto-Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' xogħol fil-komunità. Il-Kunsill bħalissa qiegħed jipparteċipa f'din l-iskema pero' għad m'għandux biżżejjed informazzjoni dwar it-tibdil li qed jiġi propost li jsir rigward li din ser tgħaddi f'idejn kumpanija privata.

Inqrat Memo 1/2016 dwar ir-Rapport tal-Uffiċju tal-Verifika (NAO) 2014. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-rapporti tal-awdituri jkun ġie mwieġeb permezz tal-*management letter*.

Inqrat Memo 33/2015 dwar direttiva li nħarġet rigward l-iskemi ta' ġbir ta' skart separat. Is-Sur Joseph Agius irrefera għal Memo 01/2016 dwar ir-rapport tal-Uffiċju tal-Verifika li tkellem rigward flus dovuti mill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ammont ta' €38,000 għad irid jinġabar mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għax-xogħol li l-Kunsill jagħmel ta' *reinstatements*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir proviżjoni għal dan il-bilanċ irrikoverabbli. 5514/16

Fis-7:00 ta' filgħaxija s-Sur Domenic Agius talab li jkun skużat mil-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Uffiċċju Elettorali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq aċċetta l-proposta tal-Kunsill li triq bla isem tissemma Triq l-Istefanotis.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-allokazzjoni għas-sena 2016 ser tkun tammonta għal €820,532 li tinkludi l-ammont ta' €71,218 bħala allokazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv St Peter. Is-Sindku rrimarka li din is-sena hemm żieda ta' madwar €22,500 iktar minn dik tas-sena l-oħra.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mingħand il-kumpanija TCTC fejn talbet lill-Kunsill sabiex il-Ġimgħa 12 ta' Frar fl-4:00 ta' wara nofsinhar issir laqgħa għall-persuni li ser japplikaw biex jattendu għall-kors Learn IT.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill jiddeċiedi għand min ser jordna l-*catering* għar-riċeviment li jsir f'Jum Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (Is-Sway) li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ssir ordni għand Goodies liema spiża ma taqbiżx l-ammont ta' €1,164. 5515/16

Is-Segretarju Eżekuttiv semma l-medalji li jridu jiġu ordnati għall-okkażżjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar peress illi m'għadx fadal biżżejjed medalji li kienu saru mis-Sur Noel Galea Bason.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bil-programm għal Jum Ħaż-Żabbar. Fl-4:00 ta' wara nofsinhar ser isir korteo bit-tqegħid tal-kuruni tar-rand mal-monumenti u busti f'Ħaż-Żabbar biex fil-5:00 ta' wara nofsinhar ser issir l-inawgurazzjoni tal-proġett li sar fi Triq tal-Labour bil-preżenza tal-Onorevoli Joe Mizzi. Fis-6:00 ser issir il-quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja bil-parteċipazzjoni tal-Kor Notre Dame u fis-7:00 ta' filgħaxija ssir s-Serata Muziko Letterarja fis-Sala Notre Dame.

Fis-7:10 ta' filgħaxija s-Sur Domenic Agius reġa' daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Mark Grech talab lill-Kunsill ikellem lill-kuntrattur responsabbli mill-knis sabiex titnaddaf sew il-bankina ta' Triq tal-Labour. Is-Sur Buttigieg talab li jitwaħħlu żewġ *bins* tal-klieb u reġa' semma l-fatt li diġa kien hemm wieħed imwaħħal u nqala' mill-ħaddiema li bdew jaħdmu fuq il-proġett li sar minn Transport Malta.

<u>Item 6 – Skeda tal-Pagamenti</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 15 ta' Diċembru 2015 sal-11 ta' Jannar 2016 li kienet tammonta għal €7,086.77. Din ġiet approvata unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Domenic Agius. 5516/16

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash* għax-xahar ta' Diċembru li kien jammonta għal €114.87. 5517/16

Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet għall-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill ZLCQT 4/2015

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-unika sottomissjoni li saret mingħand il-kumpanija Island Insurance Brokers u li kienet tammonta għal €2,878.71. Fuq proposta tas-Sur Marc Vella Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-offerta mingħand Island Insurance Brokers. 5518/16

Item 8 – Aċċess għall-persuni b'diżabilità fi Triq is-Santwarju

Is-Sindku tkellem dwar il-proposta tal-Bank of Valletta li titwessa' l-bankina ta' quddiem l-istess bank u jkun hemm aċċess għall-persuni b'diżabilità. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jitkellem mas-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ sabiex jitlob informazzjoni mingħandhom dwar jekk fil-ġranet tal-festa jkunx hemm biżżejjed aċċess biex jgħaddu bil-kannizzata li tintuża għall-bandisti. Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) issuġġerixxa li jekk ser titwessa' din il-bankina, Triq il-Kbira tingħalaq għat-traffikijiet u vetturi kbar minn Triq Hompesch għax meta l-vetturi jiġu biex iduru għal Triq is-Santwarju mhux ser ikollhom aċċess biżżejjed. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-*parking bays* li hemm faċċata tal-BOV hux ser jibqgħu hemm jew jitneħħew. Is-Sur Mark Grech ġibed l-attenzjoni li waħda minn dawn il-*parking bays* hija riservata għall-bank stess. Is-Sindku qal li hemm diversi affarijiet x'jittieħdu in konsiderazzjoni u għalhekk ippropona li l-ewwel għandha titkejjel it-triq imbagħad il-Kunsill ikun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu. Is-Sur Mark Grech issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament. 5519/16

Item 9 – Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Is-Sur Mark Grech informa lill-Kunsill li ġie kkuntattjat mis-Sur Steve Borg, il-persuna li tieħu ħsieb il-libreriji pubbliċi. Is-Sur Borg staqsa jekk il-Kunsill għadu ma nefaqx l-ammont kollu ta' flus f'kotba li ġew mogħtija lilu u minħabba f'hekk jista' jagħti l-każ li l-attività li ser issir fil-21 ta' Jannar tiġi kkanċellata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kotba kienu nxtraw kollha.

Is-Sur Mark Grech tkellem dwar il-ġbir tal-iskart u talab lill-Kunsill jistaqsi formalment lill-kuntrattur jekk il-ġbir hux qed jibda qabel il-ħin stipulat fil-kuntratt. Is-Sur Grech qal li l-*iscammel* qed jgħaddi minn xi toroq qabel il-ħin u b'hekk qed tinħoloq il-problema li qed ikun hemm boroż li jibqgħu ma jinġabrux peress li r-residenti mhux joħorġuhom daqstant kmieni imma fil-ħin li suppost jinġabru. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser ikellem lill-kuntrattur u ppropona li jekk il-problema tibqa' tippersisti għandha tinħareġ *default notice*. Is-Sur Mark Grech issekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament. 5520/16

Is-Sur Mark Grech informa lill-Kunsill li s-Surmast ta' Skola A kien qallu li hu lest li jqabbad lill-ħaddiema tiegħu jieħdu ħsieb li jwaħħlu u jerġgħu jaqilgħu l-*bollards* li hu stess kien talab li jsiru fi Triq id-Dukkar. Is-Sur Grech ippropona li l-Kunsill għandu jikteb lil Transport Malta sabiex jingħata approvazzjoni li jitwaħħlu dawn il-*bollards*. Is-Sur Buttigieg issekonda u kulħadd qabel. 5521/16

Is-Sur Mark Grech semma l-blokki tal-konkos li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel. Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) qal li fit-triq hemm żewġ blokki tal-konkos li ser jitressqu mat-tarf bejn it-triq u l-għalqa. Is-Sur Grech issuġġerixxa li jiżdiedu aktar blokki tal-konkos maġenb l-oħrajn.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) ippropona li ssir *zebra crossing* fi Triq il-Kunvent viċin Triq il-Karmnu. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Agius u qal li ħa jmur fuq il-post ħalli jara fejn hu l-aħjar post li ssir, imbagħad il-Kunsill jitlob l-approvazzjoni formali ta' Transport Malta. 5522/16

Is-Sur Buttigieg qal li hu kien talab li għandha ssir *zebra crossing* fi Triq il-Kunvent fil-viċinanzi ta' Triq il-Qalb Imqaddsa.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) ppropona li għandha ssir talba għaż-żewġ *zebra crossings* imsemmija. Is-Sur Buttigieg issekonda u l-Kunsill qabel unanimament. 5523/16

Is-Sinjura Anna Calleja qalet li hi wkoll kienet talbet li ssir *zebra crossing* fil-viċinanzi ta' Triq il-Qalb Imqaddsa.

Is-Sur Joseph Agius reġa' semma t-talba li jsiru *bollards* fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kapuċċini.

Is-Sur Joseph Agius reġa' talab li titnaddaf Triq il-Ħawt kif ukoll li l-ġebel li hemm fit-triq jerġa' jitpoġġa fuq iċ-ċint.

Is-Sur Joseph Agius talab li ssir bankina fi Triq Strickland għax hemm parti mit-triq li m'għandhiex bankina.

Is-Sur Joseph Agius ressaq talba minn residenti sabiex jitpoġġew żewġ *bollards* f'Misraħ San Ġabku peress illi s-Sibt, meta parti mit-triq suppost tkun magħluqa għall-vetturi, hemm sewwieqa li qed jibqgħu għaddejjin. Is-Sindku qal li sabiex issir it-talba għal dawn il-*bollards* l-ewwel irid jiġi stabbilit min ser ikun responsabbli li jwaħħal u jerġa' jaqla' dawn il-*bollards*.

Is-Sur Joseph Agius talab li tiġi rranġata Triq ix-Xgħajra quddiem XTC peress illi sfrundat it-triq. Is-Sur Marc Vella Bonnici qal li l-aħjar hu li t-triq tinqala' u tingħata wiċċ ġdid pero' il-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed biex jagħmel dan ix-xogħol.

Is-Sur Mark Grech staqsa jekk il-Kunsill kienx ġie infurmat dwar il-marki biż-żebgħa li saru mal-art fi Triq ix-Xgħajra. Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) qal li l-probabbilità hi li dawn huma indikazzjoni ta' minn fejn għaddejjin is-servizzi iżda l-Kunsill m'għandu l-ebda informazzjoni dwar dan ix-xogħol li ser isir.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsa dwar meta ser jitwaħħal arloġġ tad-dawl ġdid fil-bandli tal-*Housing Estate* biex ikunu jistgħu jsiru s-CCTVs. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan ix-xogħol kien ser isir f'qasir żmien.

Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-proposta li ssir *road hump* fi Triq iż-Żingla. Is-Sindku wieġeb li qabel ma' l-Kunsill jagħmel it-talba lil Transport Malta, l-ewwel għandu jkollu konferma bil-miktub mir-residenti li jaċċettaw li r-*road hump* issir quddiem ir-residenza tagħhom.

Is-Sinjura Calleja talbet li tiġi rranġata l-bankina fi Triq Wied il-Għajn preċiżament ħdejn tabella li tindika b'liema veloċita trid issuq f'din it-triq.

Is-Sinjura Calleja ġibdet l-attenzjoni dwar l-ammont ta' skart li jinġema fil-bitħa taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li hu kien talab lill-ħaddiem assenjat taħt l-iskema ta' xogħol fil-komunità sabiex jieħu ħsieb li din titnaddaf kuljum.

Is-Sinjorina Katrin Busuttil qalet li l-Kunsill taż-Żgħażagħ ġie infurmat mill-*Youth Worker* li kif jiġi ffirmat l-*agreement*, ix-xogħol jista' jinbeda. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hu kien diġa ħa ħsieb li l-*agreement* jiġi ffirmat u l-proġett jista' jinbeda fil-jiem li ġejjin. Is-Sinjorina Busuttil qalet li l-proġett ser isir f'Ġunju li ġej.

Is-Sur Buttigieg talab li jsir *patching* fi Triq San Ġużepp kif ukoll quddiem ir-residenza numru 3 fi Triq l-1 ta' Frar 1994.

Is-Sur Buttigieg qal ukoll li d-dawl ta' mal-art madwar il-Mina ta' Hompesch għadu mhux qed jixgħel.

Is-Sur Buttigieg informa lill-Kunsill li fil-25 ta' Frar 2016 kien ser jorganizza *coffee morning* għall-anzjani n-Nigret, Limiti tar-Rabat.

Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq quddiem il-Kunsill lista ta' kotba mgħoddija lilu mingħand is-Surmast ta' Skola B. Is-Sur Buttigieg ippropona li l-Kunsill jixtri numru ta' kotba minn din il-lista liema spiża tammonta €200 u dawn jingħataw bħala donazzjoni għal-librerija tal-iskola. Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat lis-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament. 5524/16

Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq ilmenti dwar bozoz maqtugħin u għadhom ma ġewx irranġati mill-Korporazzjoni Enemalta fi Triq Ħas-Sajjied u fi Triq tal-Labour.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal li kien kellem lill-Onorevoli Ministru Joe Mizzi sabiex jinbidlu l-arbli tal-bozoz li hemm fi Triq tal-Labour fuq is-*central strip* u jsiru bħal dawk li għadhom kemm saru fuq il-*promenade*.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jikteb lil Transport Malta sabiex Triq Renato Agius Muscat tingħata t-tarmak.

Il-Viċi-Sindku talab li jiġi rranġat sprall imkiser li hemm fi Triq iż-Żagħrun peress li qiegħed perikoluż u niżel 'il isfel mil-livell tat-triq.

Is-Sur Domenic Agius talab ukoll lill-Kunsill li tintbgħat ittra lir-residenti ta' Misraħ Alofju de Wignacourt sabiex jinqata' l-abbuż u ma jintremix iżjed skart barra.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.05 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-459 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 8 ta' Frar 2016.

Marc Vella Bonnici
Sindku.